



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' April 2021  
(OR. en)

7397/21  
ADD 1  
LIMITE  
PV CONS 4  
RELEX 245

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Affarijiet Barranin)  
22 ta' Marzu 2021

## **WERREJ**

**Paġna**

### **Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

|                                                           |                             |   |
|-----------------------------------------------------------|-----------------------------|---|
| 3.                                                        | Ġrajjet Kurrenti .....      | 3 |
| 4.                                                        | Viċinat tan-Nofsinhar ..... | 3 |
| 5.                                                        | Turkija .....               | 4 |
| 6.                                                        | Affarijiet oħra .....       | 4 |
| ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill ..... |                             | 5 |

\*\*\*

**3. Ġrajjet Kurrenti**

Il-Kunsill evalwa l-aħħar żviluppi fir-relazzjonijiet tal-UE mar-Russja wara l-adozzjoni ta' sanzjonijiet taħt ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem u kkonferma mill-ġdid il-ħames prinċipji gwida.

Il-Kunsill iddiskuta fil-qosor is-sitwazzjoni fil-Venezwela.

Il-Kunsill iddiskuta fil-qosor l-iżviluppi f'Hong Kong, il-Balkani tal-Punent u l-Georgia.

Il-Kunsill innota s-severità tas-sitwazzjoni fil-Myanmar u appoġġa l-pakkett ta' sanzjonijiet adottat.

Ir-Rappreżentant Ġholi informa lill-ministri dwar l-iżviluppi reċenti fl-Etjopja, kif ukoll l-isforzi mgħadda ta' medjazzjoni tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Finlandja.

L-Iżvezja infurmat lill-Kunsill dwar l-attività tagħha bħala Presidenza fil-kariga tal-OSKE relatata man-Nagorno-Karabakh.

**4. Viċinat tan-Nofsinhar  
*Skambju ta' fehmiet***

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet abbażi tal-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Ġholi/Kummissjoni dwar "Sħubija mgħadda mal-Viċinat tan-Nofsinhar – Aġenda ġdida għall-Mediterran" bil-ħsieb ta' varar mill-ġdid tas-sħubija strateġika tal-UE mal-ġirien tan-Nofsinhar.

**5. Turkija**  
***Skambju ta' fehmiet***

Abbażi tal-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli/Kummissjoni dwar "Is-sitwazzjoni attwali rigward ir-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u kummerċjali bejn l-UE u t-Turkija", il-Kunsill kellu diskussjoni komprensiva dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija bi tħejjija għall-vidjokonferenza tal-membri tal-Kunsill Ewropew fl-24 u l-25 ta' Marzu.

**6. Affarijiet oħra**

**Ċina:** Il-ministri ġew infurmati dwar l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet punittivi ta' ritaljazzjoni miċ-Ċina fuq uffiċjali, parlamentari nazzjonali u entitajiet tal-UE, fost oħrajn.

Il-ministri ġew mistiedna għall-Konferenza "Brussell V" li jmiss dwar l-appoġġ lis-Sirja u r-reġjun u ntalbu juru unità dwar il- "Pakkett Palestinjan" fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU f'Ġinevra.

**Belarussja:** Stat Membru wieħed ippreżenta inizjattiva ġdida - Pjattaforma Internazzjonali ta' Responsabbiltà għall-Belarussja.

**Libanu:** Stat Membru wieħed ipprovda tagħrif dwar il-kriżi politika li għaddejja fil-pajjiż.

**Iran:** Stat Membru wieħed informa lill-Kunsill dwar żjara ministerjali f'Teheran.

**Bożnija-Herzegovina:** Stat Membru wieħed ippreżenta dokument informali konġunt iffirmit minn sitt Stati Membri, dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż u t-triq 'il quddiem.

Tqajmet in-natura legali tal-ftehim AKP-UE.

---

**Dikjarazzjonijiet għall-punti mhux leġiżlattivi "A" li jinsabu fid-dokument 7120/21**

**Dwar il-punt "A"**      **Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi**  
**nru 8:**                      *Adozzjoni*

**DIKJARAZZJONI MILL-GREĊJA**

"Il-Greċja ttenni li l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' assistenza pprovduti mill-Faċilità għandha sseħħ, fl-istadji kollha, f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni, inkluż il-prinċipji riflessi fl-Artikoli 33(2)(c) u 56(2). F'dan ir-rigward, is-sottokuntratturi u/jew l-entitajiet ta' Stat terz jistgħu jiġu involuti biss fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' assistenza dment li tali Stat terz ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni u l-Istati Membri u li jirrispetta l-liġi internazzjonali u l-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat mal-Istati Membri."

**DIKJARAZZJONI MILL-IŻVEZJA****bażi għal astensjoni kostruttiva**

"L-Iżvezja ser tingħaqad mad-deċiżjoni li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi li ser tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-UE bħala attur għall-paċi u s-sigurtà globali. Madankollu, l-Iżvezja ttenni t-tħassib tagħha li l-EPF tista' tippermetti l-provvista ta' tagħmir jew pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali, f'ċirkostanzi diffiċli ħafna u ambjenti politikament sensittivi. Sabiex tappoġġa d-Deċiżjoni tal-Kunsill, l-Iżvezja tirriżerva d-dritt tagħha li tastjeni b'mod kostruttiv minn tali miżuri ta' assistenza, kif ikkonfermat f'dikjarazzjoni mis-Servizz Legali tal-Kunsill. Id-dritt tal-Iżvezja li tastjeni b'mod kostruttiv b'ebda mod ma huwa kontinġenti fuq il-karattru tal-politika tagħha għas-sigurtà u d-difiża. Kwalunkwe deċiżjoni bħal din ser tkun ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet nazzjonali, inkluż valutazzjoni tar-riskju tal-miżura ta' assistenza proposta, ibbażata fuq il-kuntest u skont il-każ."

**DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA**

"Fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, l-Awstrija tissottolinja li din id-Deċiżjoni tal-Kunsill b'ebda mod ma taffettwa l-konsegwenzi ta' astensjonijiet kostruttivi kif stabbilit fl-Artikolu 31(1) TUE.

Din id-dispożizzjoni tat-Trattat iddaħħlet biex tippermetti lill-Unjoni taġixxi anki jekk mhux l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jieħdu sehem f'azzjoni proposta fil-qasam tal-PESK/PSDK. L-integrità tagħha hija indispensabbli għall-kapaċità tal-UE li taġixxi ferm lil hinn mill-Faċilità Ewropea għall-Paċi.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi tiżgura li l-Awstrija ma għandha l-obbligu li tiffinanzja ebda miżura ta' assistenza li hija tqis sensittiva għal raġunijiet konstituzzjonali jew politiċi f'konformità man-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża tagħha. F'dan il-kuntest, l-Awstrija tissottolinja li l-impenn tagħha – kif stabbilit f'din id-Deċiżjoni tal-Kunsill – li tikkontribwixxi ammont addizzjonali għal miżuri ta' assistenza minbarra dawk li jikkonċernaw tagħmir jew pjattaformi militari mfassla biex iwasslu forza letali, huwa ta' natura volontarja u mingħajr preġudizzju għal reġimi ta' segwitu futuri.

Il-Linji Gwida Ġenerali u l-Prijoritajiet Proposti għal Miżuri ta' Assistenza matul il-Perijodu tal-Bidu (2021-2023) huma parti integrali mill-pakkett tal-EPF. Dawn jistabbilixxu l-ambizzjoni tal-EPF: "Unjoni li tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha li tipprevjeni l-konflitti, tirrispondi b'mod effettiv għal kriżijiet u tikkontribwixxi għall-paċi bħala fornitur tas-sigurtà globali." Għalhekk, kif hemm fil-Linji Gwida Ġenerali, it-tisħiħ tal-kapaċità ta' pajjiżi sħab li jipprevjenu u jwieġbu għal kriżijiet, u l-kontribut għar-reżiljenza tagħhom biex ikunu aktar kapaċi jħarsu l-popolazzjonijiet tagħhom, huma objettiv ewlieni ġenerali li jrid jintlaħaq mill-miżuri ta' assistenza proposti għal pajjiżi sħab.

Fl-aħħar nett, l-Awstrija tissottolinja l-ħtieġa ta' implimentazzjoni effettiva tal-metodoloġija tar-riskju u tas-salvagwardji sabiex jiġi żgurat li ebda tagħmir ipprovdut mill-UE ma jintuża minn benefiċjarju għal ksur tad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali."

## DIKJARAZZJONI MINN FRANZA

"Franza tilqa' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi (minn hawn 'il quddiem "id-Deċiżjoni") u tixtieq tagħmel il-punti li ġejjin dwar l-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni.

### **1. Kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu baġitarju ad hoc f'każijiet ta' astensjoni**

Il-ħidma fil-Kunsill wasslet għall-iżvilupp ta' metodoloġija għaqlija għall-ġestjoni ta' miżuri ta' assistenza, li ser tipprovdi l-garanziji kollha meħtieġa għall-provvista ta' tagħmir sensittiv.

Madankollu, fid-diskussjonijiet li saru mill-2018 s'issa, xi Stati Membri indikaw li t-twassil tal-aktar tagħmir sensittiv ("*imfassal biex iwassal forza letali*") jista' jagħti lok għal problemi fis-sitwazzjoni speċifika tagħhom. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill iddeċieda, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 41(2) TUE, li joħloq, bħala eċċezzjoni, mekkaniżmu ta' deroga li jippermetti lil dawk l-Istati Membri, b'ċerti kondizzjonijiet, li ma jikkontribwux finanzjarjament għal miżuri relatati mat-twassil ta' tagħmir imfassal speċifikament biex iwassal forza letali, filwaqt li jinżamm il-prinċipju ta' solidarjetà finanzjarja għall-Faċilità meħuda f'daqqa. **Għalhekk, dan il-mekkaniżmu jipprovdi flessibbiltà speċifikament lil dawk l-Istati Membri, minħabba r-restrizzjonijiet imressqa matul il-laqgħat preparatorji, meta huma jastjenu fuq dik il-bażi.** Ma għandux l-għan li jimmina l-koeżjoni tal-Istati Membri fl-appoġġ tagħhom għall-miżuri ta' assistenza tal-EPF.

Id-definizzjoni tat-tagħmir li għalih japplika dan il-mekkaniżmu għandha tiġi interpretata bħala tagħmir inkluż fil-kategoriji ML1 sa ML4 tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea u l-pjattaformi msemmija f'ML6, ML9 u ML10, meta jkun mgħammra bl-armi, tagħmir fiss jew integrat, jew munizzjon speċifikati fil-kategoriji ML1 sa ML4.

## **2. Artikolu 31(1) TUE**

Franza tfakkar fid-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 31(1) TUE: *"Meta jastjeni minn xi vot, kull membru tal-Kunsill jista' jikkwalifika l-astensjoni tiegħu billi jagħmel dikjarazzjoni formali skont dan is-subparagrafu. F'dak il-każ, hu ma jkunx obligat li japplika dik id-deċiżjoni, imma għandu jaċċetta li dik id-deċiżjoni tikkommetti lill-Unjoni. Fi spirtu ta' solidarjetà reċiproka, l-Istat Membru kkonċernat għandu joqgħod lura minn xi azzjoni li aktarx toħloq konflitt ma', jew tostakola l-azzjoni tal-Unjoni li tkun ibbażata fuq dik id-deċiżjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jirrispettaw il-pożizzjoni tiegħu"*. Franza tixtieq tirrimarka wkoll li dan il-mekkaniżmu ma jaffettwax l-obbligu li l-Istati Membri jappoġġaw b'mod attiv u mingħajr riżervi l-politika esterna u ta' sigurtà tal-Unjoni fi spirtu ta' lealtà u solidarjetà reċiproka, kif previst fl-Artikolu 24(3) TUE.

L-astensjoni ta' Stat Membru skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 31(1) TUE ma taffettwax il-kontribuzzjoni finanzjarja, li tibqa' pagabbli mill-Istat li jastjeni, bl-eċċezzjoni, prevista fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 41(2) TUE, ta' *"l-ispiża li tinholq minn operazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża"*, li għaliha *"l-Istati Membri li r-rappreżentanti tagħhom fil-Kunsill ikunu għamlu dikjarazzjoni formali skont l-Artikolu 31(1), it-tieni subparagrafu, m'għandhomx ikunu obbligati li jikkontribwixxu [għall-finanzjament tagħhom]"*.

Il-mekkaniżmu ad hoc stabbilit fl-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni ma għandu ebda effett fuq l-interpretazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

Il-mekkaniżmu huwa ddefinit mill-Kunsill b'mod diskrezzjonali u b'deroga abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 41(2) TUE, li jipprovdi li *"fejn l-ispiża ma tkunx imħallsa mill-baġit tal-Unjoni din għandha titħallas mill-Istati Membri skont l-iskala tal-prodott domestiku gross, sakemm il-Kunsill li jaġixxi unanimament ma jiddeċidix mod ieħor."*

### **3. Implimentazzjoni ta' miżura ta' assistenza permezz ta' missjoni jew operazzjoni tal-PSDK**

L-implimentazzjoni ta' miżura ta' assistenza minn missjoni jew operazzjoni tal-PSDK, kif prevista fl-Artikolu 33(6) tad-Deċiżjoni, tikkontribwixxi direttament għall-kisba tal-oġġettivi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni fir-rigward tas-sħab tagħha, b'mod partikolari billi tagħti lill-Unjoni kontroll fuq il-katina kollha tat-taħriġ, li tinkludi l-provvista ta' tagħmir minn ħarrieġa lil truppi mħarrġa. L-Unjoni ma tistax dipendenti minn qawwiet terzi f'dan ir-rigward. Dan ir-rwol tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet isaħħaħ ukoll il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ tal-Unjoni fil-qafas tal-miżuri regolatorji stretti previsti mill-Faċilità. Peress li l-mandati ta' dawn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK jiġu adottati unanimament mill-membri tal-Kunsill, jeħtieġ li l-Istati Membri kollha jikkontribwixxu għall-miżuri ta' assistenza li daww il-missjonijiet u l-operazzjonijiet jimplimentaw.

F'dan il-kuntest, inqisu li l-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni ma jistax jintuża fil-każ ta' miżuri ta' assistenza implimentati minn missjoni jew operazzjoni tal-PSDK skont l-Artikolu 33(6) tad-Deċiżjoni.

### **4. Kontribuzzjonijiet wara astensjoni**

L-Artikolu 27 tad-Deċiżjoni, dwar kontribuzzjonijiet wara astensjoni, huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà, miftuħa għal kwalunkwe Stat Membru, li jressaq proposti fi kwalunkwe mument għal miżuri ta' assistenza li għalihom tista' tiġi allokata l-kontribuzzjoni tal-Istat li jkun qed jastjeni. Il-miżuri ta' assistenza jridu jissodisfaw ukoll il-ħtiġijiet identifikati speċifikament mir-Rappreżentant Għoli u jiġu adottati unanimament mill-Kunsill skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 59 tad-Deċiżjoni.

### **5. Ġestjoni finanzjarja tajba u l-preservazzjoni tal-effikaċja tal-Faċilità**

L-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 5(3) trid tkun konformi mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u tippreserva l-effikaċja tal-Faċilità, imsemmija fil-premessa 23 u fl-Artikoli 11(6), 27(5) u 32 tad-Deċiżjoni. Hija trid tippreserva l-effikaċja tal-Faċilità u ma tfixkilx il-kapaċità tal-Unjoni li tipprovdi tagħmir kopert mill-Artikolu 5(3) lill-benefiċjarji ta' miżuri ta' assistenza deċiżi mill-Kunsill. Ma għandhiex toħloq kumplessità baġitarja jew finanzjarja eċċessiva.

### **6. Kontinwità mal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika**

Kif ikkonfermat mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17-21 ta' Lulju 2020 u f'konformità mal-premessi 16, 18 u 19 tad-Deċiżjoni, il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għandha tiżgura l-kontinwità mal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika. Hija għandha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċitajiet militari u ta' difiża tas-sħab tagħna billi tindirizza ħtieġa fuq il-post li ilha stabbilita, u ser issaħħaħ il-kredibbiltà tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea billi tagħmilha possibbli li jiġi pprovdut tagħmir militari lit-truppi tas-sħab tagħna li qed ngħinuhom jitħarrġu."



## **DIKJARAZZJONI MILL-IRLANDA**

"L-Irlanda hija impenjata favur il-PSDK tal-UE, li tipprovdi lill-UE bil-kapaċità li twettaq missjonijiet għaż-żamma tal-paċi u l-prevenzjoni tal-konflitti u li ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali skont il-prinċipji tal-Karta tan-NU. L-istabbiliment tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) jiżgura l-kontinwità tal-finanzjament għall-attività militari tal-PSDK u għall-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà.

L-Irlanda tfakkar li d-deċiżjonijiet li jistabbilixxu operazzjonijiet u miżuri ta' assistenza ffinanzjati mill-Faċilità ser jiġu adottati fuq il-bażi ta' proposti jew inizjattivi mressqa skont l-Artikolu 42(4) jew l-Artikolu 30(1) TUE rispettivament. Huwa nnotat ukoll li f'ċerti ċirkostanzi - u b'salvagwardji b'saħħithom - il-finanzjament mill-EPF jista' jintuża għal tagħmir militari, inkluż tagħmir jew pjattaformi mfassla biex iwasslu forza letali. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-Irlanda biħsiebha tuża l-mekkaniżmu għal astensjoni kostruttiva u b'hekk mhix ser tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' tagħmir letali, li huwa previst fid-Deċiżjoni. Permezz tal-impenn fakultattiv volontarju tagħna, l-Irlanda sejra minflok tipprovdi kontribuzzjoni korrispondenti lill-baġit għal miżuri ta' assistenza li ma jinvolvu il-provvista ta' tali tagħmir jew pjattaformi letali.

L-Irlanda ttenni l-pożizzjoni tagħha li, bħala kwistjoni ta' dritt, Stat Membru li juża l-mekkaniżmu tal-astensjoni kostruttiva fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 31(1) TUE mhux obligat japplika d-deċiżjoni inkwistjoni, inkluż fir-rigward tal-finanzjament. F'dan ir-rigward, ninnotaw li l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-EPF jipprevedi kontribuzzjonijiet finanzjarji korrispondenti li jsiru mill-Istati Membri li jagħmlu użu minn astensjoni kostruttiva iżda jirrikonoxxi li dan huwa bbażat fuq impenn fakultattiv volontarju. L-Irlanda tqis li dan huwa kompatibbli mal-pożizzjoni legali tagħha dwar l-Artikolu 31(1). Filwaqt li ser inkunu legalment marbuta bid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kontribuzzjonijiet korrispondenti abbażi ta' astensjoni kostruttiva, nixtiequ ntennu li qed nidħlu f'dan il-qafas għax qed nagħżlu volontarjament li nagħmlu dan, mhux għax inħossuna obbligati nagħmlu hekk skont it-Trattati. F'dan ir-rigward, nixtiequ nenfasizzaw ukoll li din id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-EPF hija eċċezzjonali, sui generis u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 31(1)."

## **DIKJARAZZJONI MINN MALTA**

"Malta tafferma li l-parteċipazzjoni tagħha f'deċiżjonijiet dwar operazzjonijiet u miżuri ta' assistenza u kontribuzzjonijiet għall-finanzjament ta' operazzjonijiet u miżuri ta' assistenza skont l-EPF ma għandhiex tippreġudika l-obbligi konstituzzjonali tagħha. Malta tirriżerva d-dritt li tastjeni minn miżuri ta' assistenza li jippermettu l-provvista ta' tagħmir jew pjattaformi militari mfassla biex iwasslu forza letali f'konformità mal-Artikolu 31(1), it-tieni paragrafu, TUE."

## **DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI dwar l-Artikolu 41(2) TUE**

"Il-Kummissjoni tqis li l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ma jistax ibiddel l-obbligi tal-Istati Membri u tal-Istituzzjonijiet kif stabbiliti fit-Trattati. Meta timplimenta l-baġit tal-UE f'konformità mal-Artikolu 317 TFUE u – jekk meħtieġ – meta taġixxi bħala amministratur għal miżuri ta' assistenza skont il-Faċilità Ewropea għall-Paċi, il-Kummissjoni ser tkompli tapplika l-Artikolu 41(2) TUE bħala li jipprekludi l-finanzjament ta' azzjonijiet b'implikazzjonijiet militari jew ta' difiża mill-baġit tal-UE. Dawk l-azzjonijiet għandhom jiġu ffinanzjati mill-Istati Membri."

## **DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni għal miżuri ta' assistenza**

"Il-Kummissjoni tinnota li r-regoli għall-implimentazzjoni tan-nefqa ffinanzjata permezz tal-Faċilità għad iridu jiġu adottati.

L-Artikolu 11(6)(b) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill jistipula li dawn ir-regoli ta' implimentazzjoni futuri fir-rigward tal-miżuri ta' assistenza ser ikunu konsistenti mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem, ir-Regolament Finanzjarju) u jiggarrantixxu l-istess livell ta' ġestjoni finanzjarja tajba, trasparenza u nondiskriminazzjoni bħal dak ir-regolament, għandhom jiġġustifikaw espliċitament il-każijiet li jeħtieġu differenza mir-regoli tar-Regolament Finanzjarju biex jippermettu flessibilità mmirata, u jiżguraw li r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà jikkonformaw mal-istandards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku aċċettati fl-ambitu internazzjonali. Barra minn hekk, skont dik id-dispożizzjoni, il-Kumitat għandu jeżamina r-regoli ta' implimentazzjoni proposti f'kooperazzjoni mill-qrib mal-amministraturi, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiżgura li dawn ikunu konformi mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, nondiskriminazzjoni u rispett għad-drittijiet fundamentali.

Dawn is-salvagwardji huma essenzjali biex jippermettu lill-Kummissjoni taċċetta u twettaq ir-rwol ta' amministratur u uffiċjal tal-kontabbiltà għall-miżuri ta' assistenza, permezz tas-servizzi tagħha. Il-Kummissjoni tikkonferma li hija dejjem ser tapplika r-regoli tal-implimentazzjoni fir-rigward tal-miżuri ta' assistenza f'konformità mal-prinċipji ewlenin ta' ġestjoni finanzjarja tajba, trasparenza u nondiskriminazzjoni kif minquxa fir-Regolament Finanzjarju u l-prerogattivi istituzzjonali tal-Kummissjoni, u li fl-attività tagħha hija dejjem ser tiżgura r-rispett tad-drittijiet fundamentali.

Jekk tqis li f'każ partikolari ma jkunx possibbli li tiġi żgurata l-implimentazzjoni skont dawk il-prinċipji u l-modalitajiet, l-amministratur u/jew l-uffiċjal tal-kontabbiltà ser jinformat lill-Kumitat dwar it-triq 'il quddiem wara li jkunu qajmu l-kwistjoni fil-livell xieraq fil-Kummissjoni."